MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 2418/2002

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Nicholas Micallef u l-istess Nicholas Micallef**

**Vs**

**Kenneth Dimech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-atturi fejn talbu li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli tal-incident ta' traffiku kif spejgat fl-istess Avviz. L-atturi talbu wkoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas Lm293.79 (mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) bhala danni rizultanti mill-istess incident.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit:

“L-inkompetenza “rationae maeteria” ta’ dan it-Tribunal li jiddeciedi dan il-kaz inkluz dwar dikjarazzjonijiet ta’ responsabilita’ u dan in liena preliminari”.

Il-konvenut eccepixxa ulterjorment li l-incident ma kienx tort tal-konvenut u f’kull kaz l-ammont reklamat huwa esagerat.

Din il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ra n-nota tal-konvenut li biha gie esebit kopja ta’ sentenza Aquilina vs Chircop deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ Ottubru, 1998.

It-Tribunal ghandu l-ewwel jara x’tghid il-ligi stess dwar il-punt in ezami u cioe Art (3) 2 tal-Att V tal-1995 li – “t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma u jaqta biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn Lm1500… (elf u hames mitt lira Maltin)”

Illi f’din il-kawza l-atturi qieghdin jitolbu l-ammont ta’ Lm293.79 (mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) li huma dovuti, skond l-atturi bhala rizultat t’incident ta’ traffiku.

Illi l-konvenut jissotometti li billi dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi min kien responsabbli ghal incident dan mhux iktar talba ghal flus.

Illi fil-fatt f’talba ghal flus it-Tribunal ghandu jara jekk il-konvenut f’dik il-kawza ghandu jew le jigi dikjarat debitur fil-konfront tal-attur.

Illi dan it-Tribunal jikkunsidra li l-intenzjoni tal-legislatur meta gie mwaqqaf dan it-Tribunal kien ukoll sabiex dan it-Tribunal jiddeciedi kawzi ta’ incidenti ta’ traffiku meta l-ammont pretiz mhux izjed minn Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin). Illi fil-fatt it-Tribunal diga ddecieda eluf ta’ kawzi ta’ traffiku.

Ghaldaqstant jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jiddiferixxi l-kawza ghal provi tal-partijiet ghal 4 ta' Gunju 2003.

--------------------------------TMIEM--------------------------------